MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1239/1995/1

**Francis P. Ebejer ghan-nom u in rapprezentanza ta' Fogg Limited, u dina in rapprezentanza tas-socjeta' estera assikuratrici Avon Insurance plc u dawn if surrogati fid-drittijiet tal-assikurata taghhom Mary Helen Sciortino sia bil-polza u sia bil-ligi, u l-istess Mary Helen Sciortino**
**Vs**
**Anna Grima**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu:

Peress illi fit-22 ta' Settembru 1993, waqt illi l-attrici Mary Helen Sciortino kienet qed issuq il-karozza proprjeta' taghha numru ta' registrazzjoni J-3955 gewwa l-Hamrun, hija kienet involuta f'incident stradali mal-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura numru ta' registrazzjoni T-4953

u b’konsegwenza ta’ liema ncident il-vettura tal-attur sofriet hsarat ingenti.

U peress illi ghall-incident stradali fuq imsemmi kienet tahti unikament il-konvenuta minhabba traskuragni u nuqqas ta’ tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tat-traffiku.

U peress illi l-vettura numru ta’ registrazzjoni J-3955, proprjeta’ tal-attrici Mary Helen Sciortino kienet assikurata b’polza comprehensive mal-attur l-iehor Francis P. Ebejer nomine li kellu jaghmel tajjeb ghal hsarat ikkagunati fuq il-vettura fuq imsemmija.

U peress illi l-attrici Mary Helen Sciortino ukoll sofriet danni konsistenti fi hlas ta’ excess u kiri ta’ karozza kollox kif jigi spjegat waqt il-kawza.

U peress illi l-konvenuta interpellata tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnha kkagunati lill-atturi baqghet inadempjenti.

Tghid il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex m’ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li kienet il-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi;

2. tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta’ erba’ mija u zewg liri u sittax-il centezmu (Lm402.16) in linea ta’ danni mhallsa lill-attrici u tikkundannaha ukoll thallas is-somma ta’ erbgha u disghin lira (Lm94) lill-attrici in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ April 1995 kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attrici billi l-kollizjoni tal-22 ta' Settembru 1993 grat minghajr htija jew nuqqas tal-eccipjenti.

2. Illi skond ma gie riferit lill-eccipjenti mis-"surveyor" tal-kumpanija assikuratrici, id-danni pretizi mill-attrici huma ezagerati.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi dan il-kaz isib l-origini tieghu f' incident tat-traffiku li sehh fit-22 ta' Settembru 1993 fl-inkrocju li jezisti ftit aktar il-fuq mill-iskola tal-Liceo fil-Hamrun, bejn il-vettura J 3955 misjuqa mill-attrici Mary Helen Sciortino u l-vettura T 4953 misjuqa mill-konvenuta. L-incident sehh waqt li l-attrici li kienet ghaddejja minn Triq il-Liceo qabzet l-iskola u kienet sejra fid-direzzjoni ta' Triq il-Fatati. Dak il-hin il-konvenuta harget minn naha tal-lemin tal-attrici u precisament minn Triq il-Kappilan Muscat sabiex tidhol ghal go Qrejten Street li tigi fuq in-naha tax-xellug tal-attrici. Jidher li meta z-zewg sewwieqa indunaw bil-presenza ta' xulxin kien tard wisq, bir-rizultat li l-konvenuta baqghet diehla fuq in-naha ta' l-bieba ta' wara tal-karrozza tal-attrici, bil-quddiem lemini taghha. Wara l-habta z-zewg vetturi mxew distanza zghira u spiccaw fil-posizzjoni kif tidher fuq l-iskizz tal-pulizija.[1]

Il-konvenuta ssostni li ftit sekondi qabel l-incident sewwieq ta' vettura li kienet go Triq il-Liceo ghamlilha sinjal sabiex taghddi, u kif ghamlet hekk sabet ma wicca lill-attrici li kienet qeda tissorpassa din il-vettura. B' hekk iz-zewg sewwieqa ma rawx il-xulxin. L-attrici minn naha taghha cahdet li ftit tal-hin qabel l-incident hija kienet issorpassat vettura. In propositu l-Qorti tirrileva li dan l-fatt sostnut mill-konvenuta u li allegatament sehh ftit sekondi qabel l-

[1] Fol.11

incident ma giex sostnut minn provi ulterjuri, u ghalhekk, tenut kont wkoll tac-cahda da parti tal-attrici, il-Qorti ma tistax tikkonsidrah bhala sodisfacentement provat.

Illi din il-Qorti hija familjari mal-lok tal-incident, u tosserva li, ghalkemm f' dak il-post tezisti konfigurazzjoni ta' inkrocju, b' mod li ma jistax jinghad, kif qed issostni l-attrici, li Triq il-Liceo hija triq principali vis a vis Triq Kappillan Muscat, minn naha l-ohra hija tal-fehema li minn qed jizbokka minn Triq il-Kappillan, <u>tenut kont tal-konfigurazzjoni tal-lok tal-incident</u> u tal-lilwa li hemm f' dik il-parti tat-Triq Liceo, ghandu jesercita attenzjoni kbira u ma johrogx qabel ma jaccerta ruhhu li mhux gejjin vetturi minn Triq il-Liceo li hija triq frekwentata hafna.  Minn naha l-ohra minn ikun gejn minn Triq il-Liceo u javvicina Triq Kappillan Muscat biex jidhol fi Triq il-Fatati ghandu jesercita attenzjoni meta jkun qed javvicina l-imbokkatura ta' Triq Kappillan Muscat.

Illi huwa pacifiku li fiz-zmien tal-incident Triq il-Liceo kienet *two way* filwaqt li Triq il-Kappillan Muscat kienet *one way*. Ghalhekk it-traffiku li kien ghaddej minn Triq il-Liceo kien fuq iz-zewg nahat, u l-incident gara meta l-konvenuta harget minn Triq il-Kappillan u qasmet Triq il-Liceo li ghandha karreggjata doppja, sabiex tidhol go Qrejten Street..

Fil-kaz in disamina rrizulta li kienet il-konvenuta li baqghet diehla fil-karrozza misjua mill-attrici, u fil-fehma tal-Qorti, dan il-fatt akkoppjat mal-posizzjoni tad-daqqiet li sofrew il-vetturi, ghandhom jwasslu ghall-konkluzjoni li meta l-konvenuta harget minn Triq Kappillan Muscat hija ma esercitatx dik id-diligenza dettata mill-konfigurazzjoni tat-triq sabiex il-manuvra taghha ma timportax perikolu ghat-traffiku li kien ghaddej minn Triq il-Liceo.  Rizultat ta' dan hija, nonostante il-manuvra evasiva li ghamlet ftit sekondi qabel l-incident, ma rnexxielhiex tevita li tahbat mal-vettura misjuqa mill-attrici.

Jigi osservat li kif jirrizulta mill-iskizz tal-pulizija, kif ukoll mix-xhieda, li meta sehh l-incident l-attrici kienet qed issuq fuq in-naha taghha tat-triq li hija triq wiesgha u visibbli

ghal min ikun hiereg minn Triq Kappillan Muscat, u ghalhekk il-fatt li l-konvenuta ma ratx lill-attrici fil-mument meta harget minn din it-triq biex tidhol ghal go Triq Qrejten huwa dovut unikament ghall-fatt li hija ma espoloratx tajjeb it-triq qabel ma ddecidiet li taghmel din il-manuvra. Hija kellha l-obbligu li trespolora sewwa dik il-parti ta' Triq il-Liceo u taccerta ruhha li setghet tibda, tesegwixxi u tittermina l-manuvra taghha minghajr perikolu ghat-traffiku li kien ghaddej minn dik il-parti tat-triq. Il-provi juru li l-konvenuta kienet mankanti f' dan ir-rigward, bir-rizultat li baqghet diehla fuq il-vettura misjuq mill-attrici fuq in-naha taghha tat-triq. Din kienet il-kawza prossima u diretta tal-incident, li jirrendu lill-istess konvenuta responsabbli unikament ghalih.

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-atturi qeghdin jitolbu l-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas lis-socjeta' attrici tas-somma ta' Lm402.16 rapprezentanti danni rekati fil-vettura J-3955 proprjeta' tal-assikurata taghhom l-attrici Mary Helen Sciortino; kif ukoll il-hlas lill-istess Mary Helen Sciortino tas-somma ta' Lm94 rapprezentanti Lm25 excess u r-rimanenti Lm69 kiri ta' vettura ghal zmien tnax il-gurnata bir-rata ta' Lm5.75.[2]

Illi l-konvenuta qed topponi ghal din it-talba bl-allegazzjoni li "skond ma gie riferit lill-eccepjenti mis-surveyor tal-kumpanija assikuratrici, id-danni pretizi mill-attrici huma ezagerati."[3] In propositu tapplika l-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non eit qui negat*, u ghalhekk l-oneru tal-prova ta' dan l-allegat fatt jirrisjedi fuq il-konvenuta li qeda tallegah. Din il-prova ma saritx, kif lanqas saret prova li d-danni pretizi huma esagerati, u dana nonostante li l-atturi pprezentaw ir-rapport tas-surveyor u r-ricevuti relattivi. Il-Qorti ezaminat dawn id-dokumenti, u ma tarax raguni ghaliex m' ghandhiex taccettahom, anke in bazi ghall-fattur tal-verosimiljanza. Jigi rilevat wkoll li, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, il-konvenuta, ghajr ghall-kont tal-kiri ta' karrozza, ma ghamlet ebda accenn ghall-kwantum tad-danni reklamati.

---

[2] Dok.CC – fol.27
[3] Fol.18

Illi rigward il-kont ta’ Lm69 rapprezentanti prezz ta’ kiri ta’ karrozza, il-konvenuta fin-not taghha tilmenta li f’ dak iz-zmien il-VAT ma kienx jezisti u ghalhekk “ma jistax jifhem kif il-kera tal-vettura indikata a fol.27 tista tkun ta’ Lm5.75”[4] In propositu l-Qorti tirrileva li, filwaqt li ma jirriuzltax mill-istess dokument li r-rata kwotidjana tal-kirja tal-karrozza kienet inkorpora l-VAT, din ir-rata ma tidhirx li hija esagerata anzi hija verosimili.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li d-danni reklamati mill-atturi jirrizultaw sodisfacentement provati u t-talba attrici, anke f’ dan ir-rigward, ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, billi tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident indikat fic-citazzjoni, u tikkudannaha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba mija u zewg liri maltin u sittax il-centezmu [Lm402.16] in linea ta’ danni; u tikkundannaha thallas ukoll lill-attrici Mary Helen Sciortino in linea ta’ danni s-somma ta’ erba u disghin lira maltin [Lm94]. Bl-ispejjez a kariku tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Fol.122